**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Gabriel Kitcher)**

**vs**

**Mohamed Abdulelalim Abdulelhafir**

**Illum 9 ta' Marzu 2023**

**Kumpilazzjoni numru: 187/2023**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Mohamed Abdulelalim Abdulelhafir, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 0039802(A), billi huwa akkuzat talli b'diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti, ikunu jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda u cioe` talli nhar it-18 ta' Lulju 2020 u fil-granet u fix-xhur ta' qabel, gewwa l-fond 86, Triq Abram Gatt, Bormla u/jew f'dawn il-gzejjer:

1. Ikkommetta serq ta' dawl elettriku fl-ammont ta' €172.66 liema serq hu kkwalifikat bil-mezz ghad-detriment tal-Korporazzjoni Enemalta u/jew persuni u/jew entitajiet ohra.

2. Irrenda ruhu ricediv wara li kien misjub hati ta' serq mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), preseduta mill-Magistrat Francesco Depasquale nhar it-3 ta' Dicembru, 2013.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija, tikkundanna lill-hati ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat:**

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrat fl-atti fis-seduta tallum ghall-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 392A(1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga' lura minnha u kien biss wara li staqsietu t-tieni darba wara li kkonsulta mal-avukat Martin Fenech li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-istess imputat, il-Qorti tiddikjara li m'ghandiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Semghet lill-Prosekuzzjoni u d-Difiza jitrattaw fuq il-piena fejn kien hemm qbil mal-parametri li kellha timxi maghhom il-Qorti.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

**KONSIDERAZZJONIJIET OHRA DWAR IL-PIENA**

Illi in linea generali jibda biex jinghad li:

> *l-piena m'ghandiex isservi bhala xi forma ta' vendikazzjoni tas-socjeta` fil-konfront tal-hati. Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu importanza, fost affarijiet ohra, kemm ir-rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic-cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena.*[1]

Illi c-cirkostanzi ta' kull kaz huma partikolari ghal dak il-kaz u normalment ivarjaw radikalment mic-cirkostanzi ta' kull kaz iehor. Huwa impossibbli ghal-legislatur li jipprevedi dawn ic-cirkostanzi kollha u, a priori, jistabilixxi (ghal kull reat) piena specifika ghal kull sensiela ta' cirkostanzi differenti li fihom jista' jitwettaq dak l-istess reat.

Illi huwa propju ghalhekk illi ghal kull reat il-Ligi ma tistipulax piena fissa imma tistipula minimu u massimu; jispetta lill-Qorti biex fid-diskrezzjoni taghha, u entro dawk il-parametri, teroga dik il-piena

[1] Ref Ir-**Republika ta' Malta vs Rene sive Nazzareno Micallef**: Appell Kriminali deciz 28.11.2006.

permezz ta' liema, skont ic-cirkostanzi ta' kull kaz, tipprova ssib dak il-bilanc gust bejn d-diversi skopijiet li ghandhom jintlahqu.

Illi dwar il-varji modi kif il-Qorti tista' titratta ma' persuna misjuba hatja ta' xi reat u x'evalwazzjoni ghandha ssir biex jigi stabbilit liema minn dawn il-modi jservi l-aktar lill-gustizzja, kellha l-opportunita tippronunzja ruhha l-Qorti ta' l-Appell Kriminali.

Illi din il-Qorti hasbet fit-tul dwar il-piena idonea li ghandha tigi nflitta fic-cirkostanzi fil-konfront tal-imputat u jidrilha li piena karcerarja effettiva ma tkunx idonea fic-cirkostanzi.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi il-Qorti wara li rat Artikoli 263, 264(1) u (2), 278 u 289 tal-Kap 9 al-Ligijiet ta' Malta issib lill-imputat **Mohamed Abdulelalim Abdulelhafir** hati tal-imputazzjonijiet fil-konfront tieghu u fic-cirkostanzi tal-kaz b'applikazzjoni ta'l-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett (3) snin millum. Il-Qorti spjegat lill-imputat l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett (3) snin.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**

---

**Ylenia Spiteri**
**Deputat Registratur**